# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-24 ta' April 2013 — CB vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-73/11)** [1]

***("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kompetizzjoni ġenerali — Avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/181/10 — Nuqqas ta' ammissjoni għall-parteċipazzjoni fl-eżamijiet ta' evalwazzjoni")***

(2013/C 171/84)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* CB (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz u A. Blot, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix ammess għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kompetizzjoni EPSO/AD/181/10.

**Dispożittiv tas-sentenza**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati nofs l-ispejjeż sostnuti minn CB*

(3) *CB għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu.*

[1] ĠU C 282, 24.9.2011, p.53.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-24 April 2013 — Demeneix vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-96/12)** [1]

***("Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Kundizzjoni marbuta mal-esperjenza professjonali — Portata tas-setgħa diskrezzjonali")***

(2013/C 171/85)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* **Laurent Demeneix** (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

*Konvenuta:* **Il-Kummissjoni Ewropea** (rappreżentanti: B. Eggers u G. Gattinara, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/207/11 li tikkonferma d-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva peress li dan ma jissodisfax ċerti kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni għal din il-kompetizzjoni u talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *L. Demeneix għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat iħallas l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

[1] ĠU C 343, 10.11.2012, p. 23.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-9 ta' April 2013 — de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-126/12)** [1]

(2013/C 171/86)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-president tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 71, 9.3.2013, p. 29.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-18.4.2013 — Rosenbaum vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-6/13)** [1]

(2013/C 171/87)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 108, 13.4.2013, p.39.